MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1875/2002

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance kif surrogati fid-drittijiet ta' Sandro Agius u l-istess Sandro Agius**

**vs**

**Anthony Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u seba' centezmi (Lm686.07) rappresentanti danni subiti f'incident stradali li sehh fil-25 ta' Frar 2002 fil-Marsa bejn bus bin-numru FBY 656 misjuqa mill-konvenut u Toyota Tercel bin-numru CBG 506 misjuqa mill-attur Sandro Agius.

Bl-ispejjez , inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ai termini tal-Kapitolu 104 u bl-imghax min notifika ta'l-avviz kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta' Settembru 2002, fejn huwa eccepixxa:
1. Illi l-incident *de quo* ma garax tort tal-konvenut, izda htija ta'l-attur Sandro Agius.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Sandro Agius, ta' PS 985 Stephen Pace u ta' Mario Mifsud in rappresentanza tas-socjeta attrici, kif ukoll tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh gewwa l-Marsa fi Triq Dicembru Tlettax f'dik il-parti tat-triq li tigi ezattament taht il-Mina tal-By-Pass tal-Marsa. Iz-zewg sewwieqa kienu qeghdin isuqu fl-istess direzzjoni, izda l-attur kellu l-intenzjoni ibbidel ir-rotta tieghu sabiex jaqbad it-trejqa u cioe' dik li is-surgent isejjhilha "*junction*" fir-rapport tieghu (Dokuemnti Sp1 u SP2), li tiehu appuntu lejn il-By-Pass tal-Marsa.

Illi qabel xejn it-Tribunal josserva illi l-verzjoni moghtija mill-attur lill-pulizija dak in-nhar ta'l-incident hija differenti minn dik moghtija fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal u dana peress illi l-attur ma qalx lill-pulizija illi huwa kien biddel il-karreggjata sabiex jissorpassa ix-xarabank misjuqa mill-konvenut qabel ma sehh l-impatt, izda sostna illi huwa kien qieghed isuq fuq il-karreggjata ta' gewwa tat-triq u meta irrallenta sabiex jikser lejn it-trejqa li tiehu lejn

il-By-Pass tal-Marsa, ix-xarabank li kienet qed tinsaq warajh baqghet diehla fih. Izda imbaghad, quddiem it-Tribunal huwa stqarr, kif *del resto* jirrizulta ukoll mill-verzjoni moghtija mill-konvenut kemm f'dawn il-proceduri kif ukoll lill-pulizija, illi huwa kien iddecieda li jissorpassa ix-xarabank u ghalhekk kien hareg fuq il-karreggjata ta' barra tat-triq. Meta huwa rega' dahal fil-karreggjata ta' gewwa, huwa beda jirrallenta ghaliex kien bi hsiebu idur fuq ix-xellug tieghu lejn il-By-Pass. Huwa jikkalkula li kien ilu madwar ghaxar sekondi li kien dahal fil-karreggjata tan-naha ta' gewwa tat-triq meta beda jirrallenta u f'dan il-mument huwa hass daqqa fuq in-naha ta' wara tal-vettura tieghu. Hekk kif ix-xarabank tatu id-daqqa fuq wara l-vettura tieghu giet spustjatha madwar tmintax-il metru, kif indikat fuq l-iskizz, Dokument SP2. Huwa jikkontendi illi l-*ispot of impact* kien madwar it-tul ta'awla tal-qorti, qabel il-*junction* li tiehu lejn il-By-Pass.

Min-naha tieghu l-konvenut isostni illi huwa dejjem baqa' isuq fl-istess direzzjoni u baqa' fuq l-istess karreggjata tat-triq u cioe' fil-karreggjata tan-naha ta' gewwa. Meta huwa kien qabez dik il-parti tat-triq fejn hemm liwja u kien qieghed joqrob lejn il-pont, jikkontendi illi giet vettura min-naha tal-lemin tieghu sabiex tissorpassah. F'mument minnhom din il-vettura dahhlet quddiem ix-xarabank tieghu u waqqfet. Ghalhekk huwa zamm il-brejk, izda ma irnexxiellux jevita il-kollizzjoni. Ma'l-impatt huwa jikkontendi illi l-attur baqa' isuq il-vettura tieghu 'il quddiem, tant illi huwa haseb li kien ser jibqa' sejjer. Il-konvenut jikkontendi illi meta sehh l-impatt, il-vettura misjuqa mill-attur ma kenitx lahhqet iddrittat fil-karreggjata ta' gewwa fejn kienet ser tidhol.

Ikkunsidra,

Illi l-kawza prossima ta'l-incident stradali mertu tal-kawza kienet minghajr dubbju il-manuvra ta' sorpass u bdil fil-karreggjati illi ghamel l-attur, minghajr ma ta pre-avviz ragjonevoli lill-konvenut li kien qieghed isuq ix-xarabank li huwa isorpassa, ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel. Mill-provi jirrizulta illi l-attur kellu l-intenzjoni li jikser ghal gewwa t-trejqa jew *junction* fuq ix-xellug tieghu sabiex

jaqbad il-By-Pass tal-Marsa, u allura bil-fors illi meta huwa issorpassa ix-xarabank u cioe' hareg fuq il-karreggjata ta' barra ta' Triq Dicembru Telttax, kellu intenzjoni illi jerga' jikser fil-karreggjata ta' gewwa kemm jista' ikun malajr sabiex ikun jista' ibiddel id-direzzjoni tieghu. Minhabba l-liwja li hemm f'dik il-parti tat-triq, kien x'aktarx difficli sabiex l-attur jikkalkula kemm kien hemm distanza sal-*junction* in kwistjoni u allura hekk kif kien ser jerga' jidhol fil-karreggjata tan-naha ta' gewwa tat-triq, huwa irrallenta minnufih, tant illi ghalhekk ostakola is-sewwieq tax-xarabank u cioe' il-konvenut, fis-sewqan tieghu.

It-Tribunal ma jista' jara l-ebda htija fis-sewqan tal-konvenut, li kien u baqa' isuq fil-karreggjata tieghu tat-triq u bl-istess velocita', tant illi meta sab il-vettura ta'l-attur f'salt quddiemu, huwa ipprova izomm brejk, izda ma kienx hemm distanza bizzejjed sabiex tippermettielu jieqaf fil-pront.

Illi kif gie deciz f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet Raymond Pace et vs Antoine Bartolo, "Regola kardinali ta' *lane discipline* hija dik li fil-passagg minn *lane* ghal iehor is-sewwieq ma ghandux jikkaguna "*inconvenience or danger to other vehicles*." Kull min irid ibiddel il-karreggjata ghandu inaqqas il-velocita u jara x'ikun gej minn wara billi ihares fil-mera. Inoltre tali intenzjoni trid tigi senjalata ferm qabel."

Illi ma hemmx dubbju illi l-attur bl-ebda mod ma seta jaghti dan il-pre-avviz ragjonevoli lill-konvenut illi kien ser ibbdel il-karreggjata ghaliex l-attur kellu l-intenzjoni li jaghmel din il-manuvra kemm jista' ikun maljar sabiex ikun jista' jikser ghal By-Pass tal-Marsa. Di piu ghalhekk hekk kif rega' biddel il-karreggjata tieghu f'salt huwa irrallenta ukoll biex b'hekk dawn iz-zewg azzjonijiet tieghu ikkagunaw l-incident mertu tal-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-attur Sandro Agius unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-

konvenut, jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------